MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 386/2003

**Avviz Numru : 386/2003 DM**

**Baxter Ltd**

**Vs**

**Modern Plastic Containers Ltd**

Il- Qorti

Rat l-avviz permezz ta` liema il-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghall-hlas tas- somma ta` elfejn tlett mija u ghaxar liri u tmienja u tletin centezmu ((Lm2310.38) rappresentanti bilanc ta` prezz ta` bejgh ta` plastic mibjugh u kkonsenjat lis- socjeta` konvenuta mis-socjeta` attrici.

Bl-ispejjes u bl- interessi mid- data tal- ahhar fattura – (kopja Doc A) -- kontra s- socjeta` konvenuta li giet ingunta ghas- subizzjoni .

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it- talba attrici u lanqas ma dehru fis-seduta il- lum biex jirrispondu ghad -domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it- talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il- Qorti qeghda tilqa` t-talba attrici tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta` elfejn tlett mija u ghaxar liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (LM2310.38) ghar- ragunijiet indikati fl-Avviz bl-imghaxijiet legali b`effett mill - 10 ta` Lulju tas-sena 2001;

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------